




# Wirt iż-Żejtun

## tfakkar għeluq l-400 sena mill-Aħħar Ħbit tat-Torok

*Kitba tal-Perit Ruben Abela, President ta' Wirt iż-Żejtun*

Kienet l-għodwa tal-Ħadd, 6 ta' Lulju tal-1614, meta madwar sittin ġifen Tork ippruvaw jidħlu fil-Bajja ta' Marsaxlokk, iżda hemm sabu jilqagħhom il-Forti San Luċjan li kien għadu kemm ġie mżanżan wara li ftit xhur qabel kien tlesta x-xogħol ta' bini fuqu u ġie armat ukoll b'numru ta' kanuni. Kienet deċiżjoni għaqlija tal-Gran Mastru Wignacourt li jsaħħaħ id-difiża tal-kosta tax-Xlokk ta' Malta. Kellu l-pjan li jibda jtella' torri ieħor sabiex iħares il-Bajja ta' San Tumas u l-Bajja ta' Wied il-Għajn, iżda sa din il-ġurnata t-Torri San Tumas kien għadu biss fuq il-pjanta. Kien għalhekk li l-iġfna Torok dawru r-rotta lejn il-Bajja ta' San Tumas u malajr bdew jiżbarkaw fl-inħawi tal-Gżira.



Minkejja li kien għadu kmieni mas-sebħ, jidher li s-sinjal ta' dan l-attakk Tork, ma damx wisq ma ngħata mill-għases tad-Dejma immexxija mir-reġiment taż-Żejtun. Ma' dan is-sinjal, li kien iwassal saħansitra sal-Imdina, in-nisa, tfal u xjuħ kienu jaħarbu jiġru lejn il-Birgu u qrib il-Forti Sant Anġlu, għaliex irid jingħad, li ż-Żwieten, barra li kellhom id-dmir li jħarsu lil dan il-Forti, kellhom ukoll il-privileġġ li jistkennu fih. L-irġiel ta' bejn it-tmintax u s-sittin sena kellhom ilestu ruħhom għat-taqbida, sabiex iżommu l-għadu milli javvanza lejn il-Birgu u l-Port il-Kbir.

Għalkemm din il-ġrajja fl-istorja ta' pajjiżna seħħet biss disgħa u erbgħin sena wara l-Assedju l-Kbir, ħadd minn dawk li kienu lesti għat-taqbida ma kien esperjenza l-ġlied waqt l-Assedju, għaliex l-akbar minnhom kellhom biss ħdax-il sena fl-Assedju

l-Kbir. Minkejja dan, iż-Żwieten kienu lesti biex imutu għal pajjiżhom, u mmexxija minn Klement Tabone, tqabdu bil-kbir fl-inħawi ta' Bulebel, sakemm raw lit-Torok jirtiraw hekk kif raw il-Kavallerija tal-Ordni ġejja tgħin.



Din il-ġrajja tinsab imnaqqxa fuq lapida tal-ġebel li hemm biswit l-artal maġġur fil-Parroċċa l-Qadima taż-Żejtun, li sfortunatament għal bosta ġranet matul is-sena tkun mgħottija b'messaġġi liturġiċi mdendla fuq panelli moderni bla ebda sens artistiku . L-istess kitba wieħed jista' jaqraha fuq il-kwadru titulari li juri l-martirju ta' Santa Katarina u li jinsab fil-mużew tal-istorja u arti fil-Parroċċa l-Ġdida. Fuq l-istess kwadru, taħt din il-kitba, hemm ukoll impittra mappa li turi ix-Xlokk ta' Malta, b'numru ta' iġfna ħomor sorġuti fil-Bajja ta' San Tumas u numru ta' ħġejjeġ imferxa fil-kampanja madwar iż-Żejtun. Għalkemm dawn il-kitbiet jirrakontaw il-ħsara li ġarrab il-poplu taż-Żejtun waqt dan l-attakk, it-tkissir li sar fil-parroċċa l-qadima li kienet għadha kemm tkabret xi snin qabel, kif ukoll il-qerda tal-uċuħ tar-raba' u l-qtil tal-bhejjem, jingħad li ħadd mill-Maltin ma miet. L-istess kitba tgħid li kien hemm numru ta' Torok li nqatlu u oħrajn li nqabdu ilsiera. Iżda l-istorja vera għad trid tiġi rriċerkata, jekk għad insibu xi traċċi ta' x'verament ġara!



Dan kollu seħħ erbgħa mitt sena ilu. Jidhru bħala ħafna snin ilu. Iżda ġrajja bħal din u bosta oħrajn li seħħew kemm qabel kif ukoll wara, bla dubju ta' xejn, ħallew il-marka tagħhom fuq it-tiswir tal-karattru tal-ġenerazzjonijiet li ġarbuhom u dawk ta' warajhom. Huma dawn l-esperjenzi li llum jagħmluna dak li aħna. Esperjenzi li żgur ta' qabilna tgħallmu ħafna minnhom. Kien għalhekk li Wirt iż-Żejtun, din is-sena, għeluq ir-raba' ċentinarju minn din il-ġrajja storika, qed nagħmlu numru ta' attivitajiet li jfakkru dak li għaddew minnu ta' qabilna.



F'nofs Marzu organizzajna Il-Mixja tat-Torok - 1614 u din reġgħet ġiet repetuta għat-tfal fl-1 ta' Mejju. F'dawn il-mixjiet segwejna l-passi tat-Torok minn meta ħabtu għall-Parroċċa ta' Santa Katarina (illum il-parroċċa l-qadima magħrufa bħala San Girgor) sal-Knisja ta' San Klement fejn seħħet it-taqbida. Hawnhekk kull min attenda seta' jsegwi l-ġlieda bejn it-Torok u l-Maltin, mgħejuna mill-Kavallieri, ġlieda li ġiet irreċtatha mill-grupp Show of Arms. Matul dawn il-mixjiet żorna il-Knisja tas-Salvatur li qabel kienet il-viċi-parroċċa ta' Santa Marija ta' Bisqallin, imxejna fit-triqat tar-Raħal t'Isfel, kif ukoll rajna d-dar ta' Klement Tabone, li mexxa liż-Żwieten fit-taqbida.

F'nofs Mejju organizzajna żjara oħra kulturali. Din id-darba żorna t-torrijiet u binjiet ta' difiża li nbnew fix-Xlokk ta' Malta qabel u wara l-ħbit tal-1614. Dawn kienu it-Torri San Luċjan, it-Torri San Tumas, it-Torri Mamo u l-Batterija tar-Riħama, fil-Bajja ta' San Tumas.

Sabiex jitfakkar dan l-anniversarju, Wirt iż-Żejtun għażlet ukoll li twettaq proġett ta' restawr. Intgħażlet l-istatwa tal-ġebel ta' San Girgor li tinsab fil-wesgħa quddiem il-Parroċċa l-Qadima. Din l-istatwa li hija ta' valur artistiku kbir, ġiet irrestawrata b'mod professjonali u nkixfet mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, fit-22 t'April, lejlet San Girgor.

Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet ser jintlaħaq is-Sibt 5 ta' Lulju meta se jiġi organizzat Simpożju Nazzjonali dwar l-istorja ta' l-Aħħar Ħbit. F'dan is-simpożju se jiġu ppreżentati numru ta' studji mnissla minn riċerka li qed issir minn akkademiċi u esperti fl-istorja u l-arti. Wara is-simpożju dawn se jingabru fi ktieb li se jinħareġ aktar tard matul din is-sena.







Għal Żejt iż-Żejtun, l-għaqda Wirt iż-Żejtun qed taħdem sa biex terġa' torganizza wirja b'artefatti storiċi mill-kollezzjoni Nazzjonali taħt ir-responsabiltà ta' Heritage Malta, din id-darba marbuta ma' dan l-avveniment storiku. L-għaqda qed taħdem ukoll fuq produzzjoni drammatika marbuta ma' din il-ġrajja storika. Wirt iż-Żejtun biħsiebha tgħalaq dawn l-attivitajiet billi f'Novembru tfakkar lil Klement Tabone.

Għalhekk nistednukom iżommu ruħkom aġġornati mas-sit elettroniku jew mall-paġna ta' l-għaqda fuq Facebook sa biex ma titilfu xejn minn dak li għad fadal x'jiġi organizzat. ■

"L-għaqda qed taħdem ukoll fuq produzzjoni drammatika marbuta ma' din il-ġrajja storika."

